**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawża Numru: 10**

**Rik. Ġur. 122/2012 RGM**

**Banif Bank Malta plc**

**vs.**

**Socjeta` Filarmonika Lourdes A.D. 1977**
**Organizzazzjoni volontarja registrata mal-**
**Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji**
**Bin-numru VO/0016 u persuna guridika registrata**
**fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru LPA-14;**
**Vincent Farrugia (K.I. 400246M), il-Professur Josef**
**Grech (K.I. 267081 M), L-Avukat Omar Caruana**
**(K.I. 440178 M), Vincent Vella (K.I. 690444 M), u**
**Antoinette Sciberras (K.I. 341158 M)**

**Il-Qorti**

Rat ir-**rikors maħluf minn Vanessa Bugeja u Kurt Polidano bil-Karti ta' l-Identita` Numri 85972 (M) u 585783 (M) rispettivament għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi Banif Bank Malta plc** ippreżentat fis-6 ta' Frar, 2012, li permezz tiegħu ippremettew u talbu is-segwenti:

1. Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-organizzazzjoni debitrici hi wahda mill-klijenti tal-kumpannija attrici (ara Dok. 'A');

3. Illi l-organizzazzjoni debitrici tahdem principalment fil-qasam muzikali u tali organizzazzjoni hi organizzazzjoni volontarja registrata mal-Kummissarju ta' l-Organizzazzjonijiet Volontarji bin-numru VO/0016 ai termini tal-Kap. 492 tal-Ligijiet ta' Malta u persuna guridika registrata fir-Registru Pubbliku ta'Malta bin-numru LPA-14 ai termini tat-tieni skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (ara Dok. 'B' u Dok. 'C' rispettivament);

4. Illi l-organizzazzjoni debitrici prezentat numru ta' cekkijiet lill-kumpannija attrici, liema cekkijiet kienu nhargu minn terzi (ara Dok. 'D');

5. Illi l-organizzazzjoni debitrici talbet lill-kumpannija attrici biex issarfilha dawn ic-cekkijiet u l-imsemmija kumpannija attrici applikat is-solita procedura ta' verifika li permezz taghha taccerta li hemm fondi bizzejjed biex ikopru l-ammont li ghalih inhargu c-cekkijiet;

6. Illi stante anomalija teknika fis-sistema awtomatika tal-kumpannija attrici, tali sistema poggiet a dispozizzjoni ta' l-organizzazzjoni debitrici xi fondi qabel ma

intemmet il-procedura ta' verifika fuq imsemmija u l-organizzazzjoni debitrici rrealizzat dan kollu u gibdet l-imsemmija fondi bla telf ta' zmien;

7. Illi eventwalment, il-kumpannija attrici giet mgharrfa li ic-cekkijiet ma setghux jigu onorati ghax min hareg ic-cekkijiet, ossia organizzazzjoni ohra bl-isem ta' Socjeta Santa Cecilja, ma kelliex fondi;

8. Illi jirrizulta li l-individwu li ffirma dawn ic-cekkijiet huwa l-Professur Josef Grech, ossia l-amministratur ta' l-organizzazzjoni debitrici citat f'din il-kawza. Fil-fatt, il-firem fuq ic-cekkijiet u l-firma ghan-nom tal-kumpannija attrici meta l-organizzazzjoni debitrici saret klijent, huma l-istess (ara Dok. 'A' u Dok. 'D');

9. Illi dan ifisser li kien hemm gharfien shih mill-organizzazzjoni debitrici dwar il-fatt li c-cekkijiet ma kienux ser jigu onorati ghax fondi biex ikopru l-ammont ma kienx hemm;

10. Illi jidher car li l-organizzazzjoni debitrici gibdet fondi li kienet taf li ma kelliex jedd tircevihom u fuq kollox li kienet in mala fede ghax hadet dawn il-fondi b'ingann a spejjez tal-kumpannija attrici;

11. Illi dan l-agir jikser id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 1021 u 1023 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Illi konsegwentament ghal dak premess aktar 'l fuq, il-kumpannija attrici hi kreditrici ta' l-organizzazzjoni debitrici fl-ammont ta' erbgha u sittin elf, hames mija u zewgt Euro u ghoxrin centezmu (€64,502.20) liem' ammont hu dovut fuq il-Current Account nru. 18490 10 001 (ara Dok. 'A') li l-istess organizzazzjoni ghandha mal-kumpannija attrici u jinkludi mghaxijiet li sat-13 ta' Jannar 2012 kienu ta' mitejn u erbatax –il Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€214.27) u dan kif jidher mill-bank statement relattiv (ara Dok. 'E');

13. Illi in oltre, l-organizzazzjoni debitrici principali ghandha thallas lill-kumpannija attrici l-imghaxijiet fuq l-ammont kollu bl-ghola rata permessa mil-Ligi mit-13 ta' Jannar 2012 sad-data tal-hlas effettiv, kif ukoll il-bank charges u fees relatati

ma’ l-imsemmi ammont u dan kollu skond it-Terms and Conditions (ara Dok. ‘F’), l-Conditions of Use (ara Dok. ‘G’) u t-Tariff of Charges (ara Dok. ‘H’) relattivi ghall-Current Account nru. 18490 10 001 fuq imsemmi;

14. Illi l-ammont fuq imsemmi hu wkoll dovut lill-kumpannija attrici minn kull wiehed mill-konvenuti l-ohrajn ossia Vincent Farrugia, l-Professur Josef Grech, l-avukat Omar Caruana, Vincent Vella u Antoinette Sciberras u dan stante li dawn kienu amministraturi ta’ l-organizazzjoni debitrici meta sar id-dejn, ossia bejn Awissu 2009 u Jannar 2010;

15. Illi l-kumpannija attrici jirrizultalha li dawn l-amministraturi kienu fil-kariga fiz-zmien meta sar dovut l-ammont, stante li isimhom jidher fil-lista ta’ l-amministraturi li l-organizzazzjoni debitrici pprezentat lill-Kummissarju ta’ l-Organizzazzjonijiet Volontarji ghas-sena 2009 (ara Dok. ‘I’) u fuq il-lista ta’ l-amministraturi li l-istess organizzazzjoni debitrici kienet ipprezentat fir-Registru Pubbliku meta wara li l-ammont sar dovut, kienet irregistrat mieghu bhala persuna guridika (ara Dok. ‘J’);

16. Illi fil-perjodu Awissu 2009 – Jannar 2010, l-organizzazzjoni debitrici kienet irregistrata mal-Kummissarju ta’ l-Organizzazzjonijiet Volontarji izda kienet ghad ma rregistratx mar-Registru Pubbliku biex tikseb personalita` guridika u dan jidher mid-dati fuq ic-certifikati relattivi (ara Dok. ‘B’ u Dok. ‘C’);

17. Illi ai termini ta’ l-Artikolu 17(3) tat-tieni skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan ifisser li l-amministraturi ta’ l-organizzazzjoni debitrici li kienu fil-kariga meta l-ammont fuq imsemmi sar dovut mill-imsemmija organizzazzjoni, huma responsabli in solidum ma’ din l- istess organizzazzjoni ghall-istess ammont;

18. Illi ghal diversi drabi, l-kumpannija attrici nterpellat lill-organizzazzjoni debitrici sabiex din thallasha l-ammont dovut fosthom permezz t’ittra legali datata t-13 t’Ottubru 2009 u ittra ufficcjali datata 5 ta’ Marzu 2010 (ara Dok. ‘K’ u Dok. ‘l’), izda din baqghet inadempjenti;

19. Illi l-kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpannija attrici;

20. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpannija attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta` u tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-kumpannija attrici fl-ammont kumplessiv ta' erbgha u sittin elf, hames mija u zewgt Euro u ghoxrin centezmu (€64,502.20); u

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpannija attrici l-ammont kumplessiv ta' erbgha u sittin elf, hames mija u zewgt Euro u ghoxrin centezmu (€64502.20).

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-13 t'Ottubru 2009 u l-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu 2010, l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi prezentat kontestwalment ma' din il-kawza, l-imghaxijiet fuq l-ammont kollu bl-ghola rata permessa mil-Ligi mit-13 ta' Jannar 2012 sad-data tal-hlas effettiv u l-bank charges u fees relatati ma' l-imsemmi ammont, skond it-Terms and Conditions, l-Conditions of Use u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Current Account nru. 18490 10 001, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti.

Rat ir-**Risposta Ġuramentata tal-Professur Josef Grech** ippreżentata fl-1 ta' Ġunju, 2012 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li hekk kif il-konvenuta socjeta` Filarmonika Lourdes giet registrata hu ma kellu ebda responsabbilita` fil-kwalita` taghhom personali.

2. Illi qabel ma s-Socjeta` Filarmonika Lourdes giet registrata formalment, din is-socjeta` kienet tiffunzjona bl-aktar mod informali fejn il-kumitat kien maghmul minn numru kbir ta' persuni appuntati bla ebda elezzjoni, u inkwantu hafna minnhom ma gewx konvenuti f'din il-kawza, dan il-gudizzju mhuwiex integru.

3. Illi l-esponenti dejjem agixxa *in bona fede*.

4. Illi s-socjeta` attrici kellha tagixxi fl-ewwel lok kontra s-socjeta` intimata, qabel ma tfittex ebda rimedju iehor fil-konfront ta' persuni ohra.

5. Illi din il-vertenza hija htija ta' zball tas-socjeta` attrici, kif gie ammess fir-Rikors Guramentat, u ghalhekk fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici hija milquta bil-preskrizzjoni ta' sentejn skont Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza u tal-mandati mahruga fil-konfront tal-esponenti kontra s-socjeta` attrici.

Rat ir-**Risposta Ġuramentata ta' Vincent Farrugia, Dottor Omar Caruana u Antoinette Sciberras** ippreżentata fl-1 ta' Ġunju, 2012 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li l-konvenuta socjeta` Filarmonika Lourdes ghandha personalita` guridika distinta mill-membri, u huma ma kellhom ebda responsabbilita` fil-kwalita` taghhom personali.

2. Illi qabel ma s-Socjeta` Filarmonika Lourdes giet registrata formalment, din is-socjeta` kienet tiffunzjona bl-aktar mod informali fejn il-kumitat kien maghmul

minn numru kbir ta’ persuni appuntati bla ebda elezzjoni, u inkwantu hafna minnjom ma gewx konvenuti f’din il-kawza, dan il-gudizzju mhuwiex integru.

3. Illi l-esponenti dejjem agixxew in bona fede u huma ma kellhom ebda konoxxenza tat-transazzjonijiet li minnhom qed tilmenta s-socjeta` attrici.

4. Illi s-socjeta` attrici kellha tagixxi fl-ewwel lok kontra s-socjeta` intimata, qabel ma tfittex ebda rimedju iehor fil-konfront ta’ persuni ohra.

5. Illi din il-vertenza hija htija ta’ zball tas-socjeta` attrici, kif gie ammess fir-Rikors Guramentat, ghalhekk fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici hija milquta bil-preskrizzjoni ta’ sentejn skond Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez ta’ din il-kawza u tal-mandati mahruga fil-konfront tal-esponenti kontra s-socjeta` attrici.

Rat illi s-Soċjetà Filarmonika Lourdes baqgħet kontumaċi kif ukoll baqa' kontumaċi l-konvenut Vincent Vella;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti ppreżentata fit-8 t’April 2019[1];

Rat illi l-konvenuti naqsu milli jippreżentaw nota ta’ sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**L-Azzjoni Attriċi**.

[1] Paġna 451A tal-proċess.

Din hija azzjoni ta' *indebito solutio* fejn il-Bank rikorrenti permezz ta' din l-azzjoni qiegħed jitlob lura somma ta' flus li ġiet rilaxxata lill-konvenuti allegatament bi żball. L-artikoli relevanti f'dan ir-rigward huma l-Artikoli 1021 u 1023 tal-Kap. 12. Qabel tgħaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tal-azzjoni jeħtieġ qabel xejn li l-ewwel jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari.

**L-Eċċezzjoni dwar il-Personalità ġuridika**

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Josef Grech hija s-segwenti:

> *Illi l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hekk kif il-konvenuta socjeta` Filarmonika Lourdes giet registrata hu ma kellu ebda responsabbilita` fil-kwalita` taghhom (recte: tiegħu) personali.*

Filwaqt li l-ewwel eċċezzjoni ta' Vincent Farrugia, Dr. Omar Caruana u Antoinette Sciberras taqra kif ġej:-

> *Illi l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-konvenuta socjeta` Filarmonika Lourdes ghandha personalita` guridika distinta mill-membri, u huma ma kellhom ebda responsabbilita` fil-kwalita` taghhom personali.*

Għalkemm dawn il-konvenuti qegħdin ilkoll jeċċepixxu li għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, r-raġunijiet minnhom mogħtija għal tali eċċezzjoni huma kemxejn differenti minn xulxin. Filwaqt li Josef Grech jsostni li wara li ġiet reġistrata s-soċjetà filarmonika konvenuta ir-responsabiltà personali tiegħu waqfet, min-naħa l-oħra r-rimanenti konvenuti surreferiti jgħidu li huma qatt ma kienu personalment responsabbli fejn għalhekk ma jagħmlux distinzjoni għal qabel jew wara r-reġistrazzjoni.

Miċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' persuna ġuridika maħruġ mir-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi ai termini tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili jirriżulta li r-reġistrazzjoni tas-soċjeta filarmonika konvenuta seħħet fit-30 ta' Ġunju 2010[2]. Għaldaqstant meta l-azzjoni ġiet

[2] Paġna 13 tal-proċess.

intavolata s-soċjetà filarmonika konvenuta kienet reġistrata iżda meta sar l-allegat żball, f'Awwissu 2009, l-istess soċjetà ma kinitx għadha waħda reġistrata.

Referenza ampja issir minn din il-Qorti għal dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-deċiżjoni mogħtija fit-2 t'Ottubru 2014 fl-ismijiet **Sean Bradshaw et vs. Kings Own Band Club** (App. Ċiv. Nru. 65/2005EG) liema sentenza tirreferi għal-leġislazzjoni applikabbli kif ukoll għal ġurisprudenza oħra:

> Mal-promulgazzjoni ta' l-Att il-leġislatur ħaseb għad-disposizzjonijiet transitorji meta gie dispost:
>
> Art 6(5) tat-Tieni Skeda:
>
> "Assocjazzjonijiet, hawnhekk izjed 'il quddiem imsejha "assocjazzjonijiet ezistenti" stabbiliti bil-miktub qabel id-data rilevanti li huma meqjusa bhala persuni guridici skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, ghandhom ikomplu jitqiesu bhala persuni guridici minkejja li ma jkunux registrati; madankollu assocjazzjonijiet ezistenti li ma jirregistrawx bhala persuni guridici, kif ukoll l-amministraturi taghhom, ikunu regolati bid-disposizzjonijiet ta' din l-Iskeda li jghoddu ghal organizzazzjonijiet mhux registrati b'effett minn meta tghaddi sena kalendarja wara d-data rilevanti u cioe' l-1 ta' April 2008."
>
> Minn dan isewgi ghalhekk illi fil-kaz tal-proceduri odjerni kienet l-Att dwar l-Interpretazzjoni li kienet tapplika in konnessjoni mal-persuni li jistghu iharrku u jigu imharrka quddiem il-qrati u it-tribunali u dan meta fl-artikolu 4(d) jinghad illi :
>
>> 'F'dan l-Att u f'kull Att iehor mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, kemm il-darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju:. "l-espressjoni "persuna" tinkludi ghaqda jew korp iehor ta' persuni, sew jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ikunu persuna guridika jew jekk le.'
>
> Dan jidher car aktar fit-test ingliz: (d) the expression "person" shall include a body or other association of persons, whether such body or association is corporate or

unincorporate." [Ara ukoll sentenza 31/05/2005 – Francis Busuttil & Sons Ltd. Vs Saviour Cacciattolo. PA per Caruana Demajo]"

F'sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru 1991 fil-kawża **E. Avallone vs A. Delia proprio et nomine**, ġie osservat:

"Il-persuni fizici li jiftehmu u jaghmlu skrittura privata jew att pubbliku biex jiffurmaw socjeta civili, cioe' mhux kummercjali joholqu persuna guridika distinta u separata mill-istess persuni li jikkomponuha, kif jidher car mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili – mill-artikolu 1644 sal-artikolu 1688. Minn dawn is-socjetajiet hawn numru konsiderevoli bhalma huma dawk tal-Kazini tal-Banda f'diversi bliet u rhula, kazini ta' l-isport, specjalment tal-futbol, socjetajiet politici kostitwiti f'partiti u simili. Dawn kollha ghandhom personalita guridika separata u distinta mill-membri taghha."

Ukoll fis-sentenza **Anthony Bugeja vs Carmelo Agius** et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Ottubru 1991, ingħad li f'Malta: "..... kull forma ta' assocjazzjoni maghmula a bazi ta' kuntratt socjali, sakemm il-finalitajiet ta' dak il-kuntratt ma jkunx impossibbli, projbiti mill-ligi, kontra l-morali u l-ordni pubbliku, hija nvestita b'personalita guridika ...."

Fil-fehma tal-Qorti l-**Artikolu 6 (5) tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili,** jagħmilha ċara illi dawk l-assoċjazzjonijiet pre-eżistenti għall-emendi li ġew introdotti bit-Tieni Skeda huma meqjusa bħala persuni ġuridiċi minkejja li ma jkunux ġew reġistrati bis-saħħa tal-emendi.

**Artikolu 3 tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi kif ġej: "Persuni ġuridiċi huma organizzazzjonijiet li jkollhom personalità ġuridika. Il-personalità ġuridika tinkiseb permezz tal-għarfien formali mill-Istat. L-għarfien mill-Istat jeħtieġ att speċifiku ta' għarfien u l-ebda att amministrattiv ieħor tal-Istat, fir-rigward ta' organizzazzjoni jew attività, ma jikkostitwixxi għarfien. Ħlief meta l-personalità ġuridika tkun rikonoxxuta jew stabbilita bil-liġi jew trattat internazzjonali jew ftehim jew hija mogħtija bis-saħħa tar-reġistrazzjoni skont xi liġi speċjali, il-personalità ġuridika għandha tinkiseb biss minn

organizzazzjoni meta din tiġi reġistrata mar-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi skont l-artikolu 12.”[3]

Applikata l-liġi u l-ġurisprudenzaa in materja għall-każ in ezami, jirriżulta illi s-soċjetà filarmonika konvenuta kellha persunalità ġuridika fiż-żmien rilevanti għall-mertu tal-kawża u dan għaliex jirriżulta mill-atti li qabel twaqqfet il-liġi tal-Persuni Ġuridiċi, is-soċjetà filarmonika diġà kellha statut tagħha (skrittura privata), u rriteniet dik il-persunalità ġuridika malli rreġistrat mar-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi. Dan huwa fil-fatt ikkonfermat mill-istatut tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes fejn Artikolu 6 jipprovdi li “L-Għaqda Mużikali Madonna ta’ Lourdes hija assoċjazzjoni ta’ persuni b’personalita’ ġuridika distinta u separata mill-membri li jiffurmawha, bis-setgħa li tidhol f’kull kuntratt, ftehim jew trattattivi ma’ terzi persuni [...]”.[4]

Fil-premessi u fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Bank rikorrenti ir-raġunijiet mogħtija għala l-konvenuti persuni fiżiċi ġew mħarrka huma:

- li qabel ma saret ir-reġistrazzjoni u fi żmien li seħħ l-akkadut dawn kienu l-amministraturi (premessa nru 14);

- fil-perijodu Awissu 2009 - Jannar 2010 is-soċjeta' filarmonika konvenuta kienet irreġistrata mal-Kummissarju ta' l-Organizzazzjonijiet Volontarji iżda kienet għadha mhix reġistrata mar-Reġistru Pubbliku;. (premessa nru 16)

- huma responsabbli personalment ai termini tal-Artikolu 17 (3) tat-Tieni Skeda tal-kap. 16 (premessa nru 17)

- is-soċjeta konvenuta ġibdet fondi li kienet taf li ma kelliex jedd tircevihom u kienet in mala fede ghax hadet dawn il-fondi b'ingann a spejjez tal-bank attur (premessa nru 10); fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-bank attur jissottolinea li “l-fondi kienu nġibdu b’intenzjoni frawdolenti”[5].

---

[3] Enfasi miżjud.
[4] Paġna 71 tal-proċess.
[5] Paġna 469 tal-proċess.

Il-Qorti tosserva li għalkemm mill-okkju ma jirriżultax li l-konvenuti persuni fiżiċi ġew imħarrka bħala amministraturi tas-soċjetà filarmonika konvenuta; fl-erbatax (14) -il premessa tar-rikors ġuramentat minnu intavolat il-bank attur ippremetta illi qed iħarrek lill-konvenuti l-oħra "... stante li dawn kienu amministraturi ta' l-organizzazzjoni debitrici meta sar id-dejn, ossia bejn Awissu 2009 u Jannar 2010.

**Artikolu 16 (4) (f'każ ta' organizzazzjoni reġistrata) u Artikolu 17 (3) (f'każ ta' organizzazzjoni mhux reġistrata) tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 16** jippreċiżaw meta l-amministraturi huma personalment responsabbli:

"16. (4) L-amministratur ta' organizzazzjoni reġistrata ma jkunx responsabbli personalment għall-obbligi tal-organizzazzjoni ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(a) lejn terzi għall-obbligi tal-organizzazzjoni jekk –

(i) ikun ħati ta' frodi jew mala fidi meta jidħol għal xi obbligi;
(ii) ikun daħal għal obbligi favur terzi fi żmien meta kien jaf jew imissu kien jaf li ma kien hemm l-ebda prospett raġonevoli li l-organizzazzjoni kienet ser tevita li tiġi stralċjata minħabba f'insolvenza;

[...]

(ċ) lejn l-organizzazzjoni biex jagħmel tajjeb għal kull telf jekk ikun aġixxa bi ksur ta' dover kif imfisser fl-istatut jew f'din l-Iskeda b'mala fidi jew kien negliġenti fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu;

[...]

17. (1) Kull membru, donatur, jew benefiċjarju involut fi kwalunkwe organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku mhux reġistrata, m'għandux ikun responsabbli għall-obbligazzjonijiet ta' tali organizzazzjoni ħlief kif ġej:

(a) għandu jkun responsabbli sa fejn ikun espressament qabel li jkun hekk responsabbli fl-istatut jew kwalunkwe dokument iffirmat minnu;

(b) għandu jkun responsabbli għall-obbligazzjonijiet tal-organizzazzjoni jekk dawn ikunu ġew imwettqa minnu f'isem l-organizzazzjoni favur terzi persuni fi żmien meta kien jaf jew kellu jkun jaf li ma kien hemm ebda prospett raġonevoli li l-organizzazzjoni tevita li tiġi xolta minħabba l-insolvenza tagħha; u

(ċ) għandu jkun responsabbli jekk ikun ħati ta' frodi jew mala fidi meta wettaq kwalunkwe obbligazzjonijiet għan-nom tal-organizzazzjoni."

Min jallega l-frodi għandu l-oneru li jippruvaha sal-livell meħtieġ. Fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs. David Curmi** (Ċit Nru 153/1994PS) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 t'April 2003 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ġunju 2006, ġie spjegat li

"Tajjeb li qabel xejn jigi puntwalizzat il-principju illi l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. Fil-kaz *de quo* ifisser illi l-attur htieglu jipprova illi l-vettura assigurata sofriet hsarat f'incident u li t-telf subit jirrientra fit-termini tal-polza li assikurat ir-riskju;

Dan l-istess principju jghodd ukoll ghas-socjeta` konvenuta assigurata in kwantu din tiddefendi l-posizzjoni taghha bl-allegazzjoni li s-sinistru ma kienx wiehed accidentali izda r-rizultat ta' kuncert frawdolenti u ta' pjan qarrieqi biex tigi defrodata. Prova bhal din tinkombi di rigore fuqha bhala l-parti li qed tavvanza allegazzjoni simili. Dan jipprovdi ghalih espressament l-Artikolu 981(2) tal-Kodici Civili fejn testwalment jghid li "l-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat".

[...]

"Il-ligi imkien ma tispecifika li l-grad ta' prova ta' eghmil doluz ghandu jkun ghola minn dak rikjest f'kawzi ta' materja civili. Kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza deciza fil-31 ta' Lulju 1996 fl-ismijiet **Adrian sive Aad De Haan v. George Whelpdale et** [Vol. LXXX-II-893]:

"*In civilibus il-falz mhux mehtieg li jirrizulta ictu oculi mid-dokument innifsu, kif lanqas hi necssarjament mehtiega il-prova posittiva ta' l-att li wassal ghalih. Li hu invece mehtieg hu li l-gudikant jasal ghall-konvinciment morali mill-kumpless tal-provi u mic-cirkostanzi tal-kaz illi d-dokument impunjat ma kienx wiehed genwin li jirraprezenta l-volonta` ta' min jidher li jkun iffirmah imma li jkun vizzjat b'dolo jew qerq. Lanqas ma hu mehtieg li l-Qorti tidentifika min kien li effettivament ikkommetta l-qerq.*"

"Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li intqal mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-kawża fl-ismijiet **George Said et vs. Gaudos Development Limited** (Ċit Nru 129/2004AE) deċiża fil-25 ta' Mejju 2007, fejn fost oħrajn spjegat bħala prinċipji li:-

[...]

(b) Il-qerq m'huwa qatt prezunt izda jrid jigi pprvuat. L-oneru tal-prova li gie ezercitat xi qerq tinkombi fuq min jallegah. Trid issir il-prova li parti wahda uzat "scienter" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi (**Joseph Mifsud nomine -vs- Paul Tanti** deciza fl-4/2/1965 u **Josephine mart Francis Galea -vs- Perit Walter Caruana Montaldo** deciza fis-16/12/1970).

[...]

(d) Sabiex ikun hemm il-qerq, irid ikun hemm raggiri li huma kapaci li jaghtu lill-parti l-ohra tifhem haga minflok ohra, u jridu jkunu gravi u determinanti. Dan fis-sens li dik il-parti li fuqha jkunu saru r-raggiri ma kienitx tasal biex taghmlu kieku ma kienx hemm dawk ir-raggiri.

(e) "Illi l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta' zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex f'kaz bhal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq" **George Portelli et vs Ivan John Felice** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju 2004.

(f) Fir-rigward tal-oneru tal-prova, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Roland Schaffrath vs Travel TV plc** deciza fit-28 ta' Gunju 2001 osservat:- "…l-Qorti trid taghmilha cara li f'kull kawza, l-attur irid jipprova l-kaz tieghu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-ligi tal-procedura u skond il-haqq. Attur ma jistax inehhi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella ghas-sens tal-hniena jew dehen arbitrali tal-gudikant minghajr ma jaghti hjiel ta' prova ta' dak li qed jitlob". Ma' dan jizdied li "…..l-inqas huwa accettabbli r-ragunament ta' l-appellanti fis-sens li l-attur ma jehtiegx li f'kull kaz jipprova l-kaz tieghu a sodisfazzjon tal-Qorti mill-bidu sa l-ahhar. Kull process guridiku huwa essenzjalment wiehed ta' provi li jwassal ghall-konvinciment mehtieg" **(Paul Vassallo et vs Carmelo Pace** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986).

Fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Debattista vs. Domenico Sammut** mogħtija fl-20 ta' Ġunju 1964 din il-Qorti diversament preseduta iriteniet li "Qabel xejn ghandu jigi rilevat li f'materja ta' frode, ma jezisti ebda test tal-ligi li jistabilixxi presunzjoni ta' frodi u l-prova taghha 'incumbit illi qui agit' li tista' ssir anke permezz ta' presunzjonijiet u trid tkun fondata fuq fatti granifi precizi u konkordanti. Infatti huwa risaput li mhux kwalunkwe skaltrezza pratikata ghad-dannu ta' haddiehor taqa' taht is-sanzjoni tal-ligi u dan jinghad fuq l-iskorta tal-insenjament tad-Dritt Ruman li stabilixxa l-principju; 'Non nisi ex magna et evidente callidate nono deliet de dolo actio dare'. (Lesa. 7 para. 10 Dig. De Dolo; u s-sentenza Prim'Awla - 15 ta' April, 1964 in re Giovanni Battista Farrugia vs Salvino Muscat Zahra)."

Ikkunsidrat;

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jeħtieġ li l-Qorti teżamina l-provi mressqa sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm frodi min-naħa tal-konvenuti Vincent Farrugia, Av. Omar Caruana, Vincent Vella, Antoinette Sciberras u Josef Grech qua amministraturi tas-soċjetà filarmonika konvenuta.

- ***Allegat frodi minn Av. Omar Caruana, Vincent Vella, Antoinette Sciberras, Vincent Farrugia u Josef Grech***

**Simon Grech, Head of Unit – Retail Banking,** fl-affidavit tiegħu jispjega li fil-31 t'Awwissu 2009 "numru ta' individwi rrikorrew simultanjament fil-fergħat tal-Bank ta' San Ġwann u Fgura u ppreżentaw ċekkijiet maħruġa lilhom mill-Organi[zz]azzjoni biex dawn jiġu msarrfa u wkoll talbu li jsiru trasferimenti ta' flus mill-kont tal-Organi[zz]azzjoni lill-kumpannija bl-isem ta' SFl Communications Ltd. Meta il-Bank ġie notifikat li ċ-ċekkijiet tas-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja ma setgħux jitħallsu, l-ammonti li kienu diġà ġew ikkreditati fil-kont tal-Organi[zz]azzjoni kienu laħqu nġibdu."[6] Ikompli biex jippreċiża li l-individwi hawn imsemmija huma Josef Grech, Vincent Farrugia u Marion Williams. Jirrileva li apparti li Josef Grech kien wieħed mill-persuni li sarraf iċ-ċekkijiet mgħoddija lis-soċjetà konvenuta, "kien ukoll il-bniedem li ffirma ċ-ċekkijiet tas-Soċjetà Filarmonika Sant Ċeċilja li taw bidu għal din il-kwistjoni"[7]. Simon Grech josserva wkoll li l-azzjonisti tal-kumpanija SFI Communications Ltd, surreferita, m'huma ħadd għajr Josef Grech u s-soċjetà konvenuta.[8] It-trasferimenti ma waqfux hemm u dan għaliex fl-istess ġurnata li ntalbu li jsiru trasferimenti lil SFL Communications Ltd, din tal-aħħar għaddiet biex toħroġ ċekkijiet *pay cash* "li ġew imsarrfa mill-imsemmija Josef Grech, Vincent Farrugia u Marion Williams f'dak l-istess jum fil-fergħat tal-Bank ta' Qormi, Fgura, San Ġwann u Naxxar. Din kienet kjarament manuvra intiża biex tipprova tisvija lill-Bank."[9]

**Dr. Omar Caruana** jispjega li huwa ltaqa ma' Josef Grech meta kienu jdoqqu l-banda flimkien. Caruana jgħid ukoll li f'Diċembru 2006 Grech kien is-Segretarju tal-istess soċjetà li jidher li kellu kontroll sew fuq x'jiġri fis-soċjetà tant li lil Dr. Omar Caruana kien daħħlu fil-kumitat fil-kariga ta' Viċi-President bla ma saru ebda proċeduri u mingħajr ma kien iffirma il-formola tan-nomina għal kariga kif mitlub isir fl-Istatut. In segwitu għal din il-kariga Dr. Omar Caruana kien aċċetta li jidħol għal kariga ta' Kaxxier u din id-darba n-nomina ġiet approvata. Fl-affidavit tiegħu Dr. Caruana jispjega iżda li "minkejja li jien kont accettajt din il-kariga u kont nagixxi f'din il-kariga jien qatt ma kont inhtart uffiċjalment bhala Kaxxier fil-Kumitat tas-Socjeta skont kif jitlob l-Istatut." Huwa jkompli jgħid "Nikkonferma li kemm il-membri tas-socjeta' u l-membri tal-kumitat kienu jkunu nies li jagħżilhom Josef Grech. Il-Kumitat li kien ikun hemm kien ikun Kumitat li

---

[6] Paġna 62 tal-proċess.
[7] Paġna 63 tal-proċess.
[8] Dan ġie ikkonfermat ukoll minn Maruska Buttigieg Gili fl-affidavit tagħha f'paġna 111 tal-proċess.
[9] Paġna 63 tal-proċess.

kien jifforma hu stess minghajr ma kienu jiġu osservati l-provvedimenti tal-Istat tas-Soċjeta' fir-rigward tal-avviz tal-laqghat ġenerali annwali [...]".[10]

B'mod speċifiku fuq il-każ odjern Caruana jgħid fl-affidavit li meta kien hemm l-iżbilanċ mal-bank rikorrent, "Josef Grech kien il-factotum tas-socjeta u kollox kien f'idejh. Fl-2009 jien kont akkumpanjajt lil Josef Grech meta dan mar jitkellem ma' rappreżentant u avukat tal-Banif Bank, aktar bhala avukat milli bhala rappreżentant tas-socjeta filarmonika. F'dik il-laqgha id-diskussjoni kienet bejn ir-rapprezentant tal-Banif Bank u Josef Grech, li minn moment ghall-ieħor ġieli ikkonsulta xi punt legali mieghi. Niftakar li Josef Grech cahad bil-qawwa kollha l-akkuzi tar-rapprezentant tal-Bank li kien qed isir frodi, imma niftakar ukoll li Josef Grech kien ipprometta li jiċċekkja x'fondi żejda kienet gibdet is-socjeta u ppropona li dak li nġibed żejjed jiġi ritornat lill-Bank fl-iqsar żmien possibbli. Wara xi granet Josef Grech kien ghamel il-verifiki u qalli biex nikteb ittra legali lill-Bank sabiex jipproponi metodu ta' hlas".[11] Dr. Omar Caruana fl-affidavit tiegħu jiċħad li kien jaf biċ-ċekkijiet li ġew depożitati minn kont ta' Santa Ċeċilja għal kont tas-soċjetà konvenuta u lanqas ma kien involut f'dan kollu.

Waqt ix-xhieda viva voce tat-8 t'Ottubru 2013, Dr. Caruana jispjega li kien sar jaf bi żbilanċ fil-kont bankarju tal-Banif Bank għax kien qallu Josef Grech u sema' bil-frodi meta kien mar il-laqgħa ma' Grech il-bank f'Settembru 2009. Jaħlef ukoll li ma kienx jaf li Marion Williams kienet irtirat xi flus mill-bank għan-nom tas-soċjetà konvenuta u dan għaliex il-firmatarji sa fejn jaf huwa kienu Josef Grech u Vincent Farrugia. Ix-xhud qal li "ma kontx naf illi xi ċekkijiet kienu qeghdin jiġu depożitati fil-kont tal-*Banif.* Lanqas biss li hargu ma kont naf. Ma kontx naf fejn qed johrogu c-cekkijiet"[12]. In oltre nonostante li x-xhud jgħid li huwa kien firmatarju tas-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja, xhed li huwa qatt ma iffirma xejn u qatt ma iffirma ċekkijiet. Josef Grech waqt ix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 xhed li Omar Caruana ma kienx firmatarju fuq il-kont tal-Banif Bank u lanqas ma sarraf xi ċekkijiet.[13]

[10] Paġna 159A tal-proċess.
[11] Paġna 160 tal-poċess.
[12] Paġna 168 tal-proċess.
[13] Paġna 227 tal-proċess.

Mill-affidavit ta' **Vincent Farrugia** jirriżulta li anke dan ġie magħżul minn Josef Caruana mingħajr ma saret elezzjoni - kien għażlu biex ikun President tal-Kumitat. Jgħid li ma kienx jaf jekk kienx hemm statut iżda Josef Grech qallu li ma kellu għalfejn jinkwieta fuq xejn "ghax kollox kien ser ikun f'idu" tant li huwa ma kien jagħmel xejn u kien iħalli "kollox f'idejn Josef Grech u kull ma kien jghidli naghmel kont naghmlu"[14] tant li jekk kien isaqsih biex jiffirmalu xi ċekk dan kien jagħmel hekk. Ta' relevanza huwa dak li qal Vincent Farrugia fuq Dr. Omar Caruana fl-affidavit tiegħu: "[...] dan Omar Caruana ma kontx nafu jaghmilha ta' kaxxier: il-flus, u l-bank accounts u c-cheque-books dejjem nafhom f'idejn Josef Grech". [15] Anka l-i*statements* tal-bank kien jirċievihom Josef Grech. Vincent Farrugia jispjega li l-kont bankarju tal-Banif Bank "kien jikkontrollah ghal kollox Josef Grech" minn żmien għal żmien kien jiffirmalhu xi ċekkijiet kif ukoll kien imur miegħu l-Bank biex jiġbdu xi flus. Ta' min jinnota wkoll li nonostante li Farrugia kien il-President lanqas biss kien jaf li Josef Grech mar għal xi diskussjonijiet mal-Bank għaliex kien hemm xi problema bil-kontijiet bankarji wisq aktar ma kien jaf li din il-problema kienet fil-fatt teżisti.

Il-konvenuta **Antoinette Sciberras** ukoll jidher li daħħalha Josef Grech bħala membru tal-kumitat u serħilha moħħha li ma kellha l-ebda responsabbiltà. Fl-affidavit[16] tagħha tgħid li hija qatt ma nvolviet ruħha fit-tmexxija tas-soċjetà u lanqas kienet taf li s-soċjetà kellha kont mal-Banif Bank. In kontro eżami tispjega li hija saret taf b'dan il-kont meta Josef Grech mar id-dar tagħha u talab lil Vincent Farrugia sabiex jiffirma xi ċekkijiet maħruġin minn dan il-kont.

Min-naħa tiegħu **Josef Grech** spjega li l-involviment tiegħu fis-soċjetà konvenuta beda meta fl-1996 kien Assistent Surmast, imbagħad sar Assistent Kaxxier u maż-żmien inħatar Segretarju Ġenerali tal-Każin u dam f'din il-kariga sal-2012. Jikkonferma li bħala Segretarju Ġenerali tas-soċjetà konvenuta huwa kellu poteri rappreżentattivi mal-Bank. Meta mistoqsi fl-14 ta' Diċembru 2015 fuq is-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja huwa jgħid li ma jiftakarx jekk kienx il-President jew is-Segretarju iżda jikkonferma li huwa kellu s-setgħa li jiffirma għan-nom tal-istess soċjetà. [17] Meta ġie mistoqsi dwar iċ-

[14] Paġna 162 tal-proċess.
[15] *ibid.*
[16] Paġna 164 tal-proċess.
[17] Paġna 200 tal-proċess.

ċekkijiet li nħarġu mis-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja, hu konferma li fil-fatt ħarġu mill-imsemmija soċjetà u kkonferma li qiegħed jagħraf il-firma tiegħu fuq iċ-ċekkijiet kollha. Ix-xhieda ta' Josef Grech fir-rigward tal-fondi li kellha s-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja, ma hi konvinċenti xejn:-

> Dr Kevin Cutajar: F'dak il-perjodu li fih inhargu dawk ic-cekkijiet tiftakar peress li inti kont fit-tregija kif ghadek kif ghedtilna inti stess, tiftakar jekk is-socjeta filarmonika Santa Cecilja kelliex fondi bizzejjed biex dawk ic-cekkijiet jigu onorati?
> Xhud: Mela milli stajt nifhem jiena la nhargu l-ammonti kien hemm. Il-problema hija din saru deposits minn forsi ta' bank iehor fil-kont tal-APS li jirrigwardja Santa Cecilja u jista' jaghti l-kaz li gie rriversjat lura. Dik li seta' gara, jigifieri ahna jekk dejjem agixxejna.
> Qorti: X'jigifieri, mhux qed nifhem xejn?
> Xhud: Ahna forsi jista' jaghti l-kaz li s-socjeta` Santa Cecilja rceviet xi payments m'ghand xi haddiehor, gew iddepozitati fil-kont APS.[18]

Fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016, Josef Grech jikkonferma li diversi kienu ċ-ċekkijiet li ġew maħruġa mis-soċjetà SFL Communications Ltd f'Awwissu tal-2009 li kienu *pay cash* u li dawn iċ-ċekkijiet issarfu minnu, Vincent Farrugia u Marion Williams. Meta ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni li dawn il-flus inħarġu, ix-xhud spjega li dik kienet il-ġimgħa tal-festa fejn ikunu jridu jsiru l-ħlasijiet, imma ma preċiżax xi ħlasijiet kellhom isiru. Sussegwentement ix-xhud ippreżenta l-minuti tal-laqgħat li seħħew bejn Novembru 2005 u Lulju 2007 flimkien ma' rendikont mensili. Għalkemm dan m'huwiex il-perjodu mertu ta' din il-kawża, il-Qorti ser tieħu dawn ir-rendikonti bħala eżempju biex tifhem x'inhu l-infieq approssimattiv fis-sena speċifikament fi żmien t'Awwissu (ix-xahar tal-festa u xhur sussegwenti):

| | |
|---|---|
| Ottubru 2005 | 236.82 |
| Novembru 2005 | 302.52 |
| Diċembru 2005 | 618.55 |
| | |

[18] Paġna 201 tal-proċess.

| | |
|---|---|
| Jannar 2006 | 1337.33 |
| Frar 2006 | 3098.46 |
| Marzu 2006 | 2853.59 |
| April 2006 | 1820.97 |
| Mejju 2006 | 2080.53 |
| Ġunju 2006 | 1465.96 |
| Lulju 2006 | 1788.26 |
| Awwissu 2006 | 1883.75 |
| Settembru 2006 | 1614.26 |
| Ottubru 2006 | 2865.10 |
| Novembru 2006 | 709.89 |
| Diċembru 2006 | 610.15 |
| | |
| Jannar 2007 | 645.56 |
| Frar 2007 | 505.23 |
| Marzu 2007 | 701.13 |
| April 2007 | 457.00 |
| Mejju 2007 | 424.85 |
| Ġunju 2007 | 466.00 |
| Lulju 2007 | 915.76 |

It-total komplessiv ta' spejjeż li kellha s-soċjetà konvenuta għas-sena 2006 kien ta' ftit aktar minn tnejn u għoxrin elf (€22,000). Mix-xhieda sa dan l-istadju jirriżulta li l-konvenut Grech jallega li l-flus li inġibdu f'Awwissu 2009 intużaw għal l-ispejjeż tal-festa, iżda ma jagħti l-ebda spjegazzjoni ulterjuri. Sena u nofs wara u ċioe fix-xhieda tat-23 ta' Novembru 2017 Grech jgħid li jista' jagħti l-każ li f'dik il-ġimgħa tal-festa tħallsu xi ħaddiema għax-xogħlijiet surreferiti. Però prova li saru x-xogħlijiet u fatturi tal-ammonti mħallsa qatt ma nġabet. Ix-xhud jgħid li fis-sena 2009 "fis-socjeta', bdil ta' soqfa, hitan, gie l-kazin kollu fuq il-gebla, fustuni ghat-toroq, arblu gdid, dawk l-affarijiet in konnessjoni mas-socjeta'."[19] Ix-xhud kompli jispjega hekk:

[19] Paġna 373 tal-proċess.

Dr Frank Testa: Jigifieri qed nifhmek sew illi dawn ic-cekkijiet pay cash kienu biex jithallsu dawn il-persuni li ghadek kif semmejt inti issa?

Xhud: Le m'ghidtx hekk jien. Inti staqsejtni kienx hemm nies li ghamlu xi xoghol.

[...]

Imhallef: Kif kienu jithallsu dawn in-nies?

Xhud: Mhux dejjem l-istess, gieli cash, gieli cekk, gieli money order, hekk kienu jithallsu.[20]

Hekk indikati l-punti ewlenin li joħorġu mix-xhieda, imiss lil din il-Qorti tiddetermina jekk il-konvenuti qua amministraturi kellhomx il-ħsieb li jiffrodaw il-Bank meta sarrfu ċekkijiet mogħtija minn soċjetà li ma kellhiex fondi fil-kontijiet bankarji tagħha.

Fil-konfront ta' Vincent Vella, il-bank naqas milli juri li kien involut fit-tranżazzjonijiet li seħħew f'Awwissu 2009. Il-Bank stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jissottometti li "mhux ċar l-irwol eżatt li kellu l-konvenut mejjet Vince Vella fit-tranżazzjonijiet mertu tal-kawża". Il-fatt waħda li kien amministratur bl-ebda mod ma hu prova sodisfaċenti li kien parteċipi fi transazzjonijiet frawdolenti li seħħew f'Awwissu 2009. Kif ġie spjegat fil-ġurisprudenza hawn fuq kwotata, frodi ma tistax tiġi preżunta iżda jeħtieġ prova preċiża u konkreta u mhux sempliċiment suppożizzjoni. Dan jgħodd ukoll għal Antoinette Sciberras li tikkonferma li lanqas biss kienet taf li kien hemm kont bankarju mas-soċjetà rikorrenti u li saret taf bih meta Josef Grech saqsa għal xi firem minn għand Vincent Farrugia. Kien biss meta rċeviet l-atti ta' dawn il-proċeduri li saret taf li kien hemm xi djun mal-bank. In oltre ma intweriex li hija kienet involuta f'xi transazzjoni frawdolenti.

Fir-rigward tal-Avukat Omar Caruana u ta' Vincent Farrugia is-sitwazzjoni hija kemxejn differenti minn ta' Vince Vella u Antoinette Sciberras. Dan magħdud iżda, il-Qorti m'hijiex moralment konvinta li l-involviment tagħhom kien ta' l-istess livell ta' Josef Grech. Dan qiegħed jingħad fis-sens illi għalkemm Omar Caruana kien firmatarju tas-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja huwa qatt ma firma ċekkijiet tagħha u għalkemm huwa kien il-Kaxxier tas-Soċjetà Filarmonika konvenuta huwa lanqas kien jaf li kienu qegħdin isiru xi tranżazzjonijiet min-naħa tas-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja għas-soċjetà konvenuta u dan peress li l-konvenut Josef Grech kien jieħu ħsieb ta' kollox. Caruana sar

[20] Paġna 374 tal-proċess.

jaf bit-tranżazzjonijiet mertu tal-kawża odjerna meta attenda l-fergħa tal-bank ma' Josef Grech f'Settembru 2009. Għalkemm il-Qorti tħoss li kien hemm negliġenza min-naħa ta' Dr. Omar Caruana li ma involviex ruħu aktar f'dak li kien qiegħed jiġri fil-kontijiet bankarji meta huwa kien il-Kaxxier, dan in-nuqqas ta' interess u għarfien ma jammontax għal ingann u frodi a detriment tal-bank attur.. Għal dak li għandu x'jaqsam Vincent Farrugia, għalkemm huwa kien involut fl-irtirar ta' xi flus mill-kont bankarju, ma intweriex li Farrugia kellu xi involviment dirett fis-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja li bis-saħħa tagħha kien ikun jaf li l-imsemmija soċjetà ma kellhiex fondi sabiex jissarfu ċ-ċekkijiet.

Min-naħa l-oħra, Josef Grech kellu involviment dirett fit-tranżazzjonijiet taż-żewġ soċjetajiet. Bħala Segretarju jew President tas-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja u għalhekk bħala l-persuna li kellha kontroll tal-kontijiet bankarji, huwa kellu l-għarfien sħiħ tal-fondi disponibbli. Kien Grech stess li ffirma ċ-ċekkijiet li nħarġu mis-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja u kien hu wkoll (flimkien ma' Vincent Farrugia u Marion Williams) li mar il-Bank rikorrent sabiex isarraf l-istess. Kien Grech ukoll li fost oħrajn ħareġ iċ-ċekkijiet *pay cash*, mingħajr ma ġġustifika fejn marret is-somma ta' 'l fuq minn wieħed u ħamsin elf ewro (€51,000) li ġiet irtirata fi żmien tlett ijiem. Grech naqas milli jressaq xi provi dwar fejn marru dawn il-flus. Il-mod kif irrisponda għad-domanda jekk dawn intużawx għall-ispejjeż tal-festa jew għal xogħlijiet li saru fil-każin jikkonvinċi lill-Qorti li Josef Grech kien ħafna xħiħ mal-verita' waqt it-testimonjanza tiegħu. Fil-fehma ta' din il-Qorti jirrżultaw provi sodisfaċenti li juru li Josef Grech intenzjonalment iffirma ċekkijiet meta kien jaf li fondi fil-kont bankarjut tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Ċecilia ma kienx hemm, u daqstant ieħor kien konsapevoli li ma kellux dritt li għan-nom tas-soċjeta' konvenuta jirtira flus li suppost kienu ġew depożitati b'dawk l-istess ċekkijiet, meta kien jaf li dawk iċ-ċekkijiet ma setgħux jiġu onorati mill-bank. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-konvenut Josef Grech aġixxa b'mod frawdolenti fil-konfront tal-bank attur..

Mill-kumpless tal-provi il-Qorti qed tikkonkludi illi filwaqt li ma ġiex ippruvat li Vincent Farrugia, Dr. Omar Caruana, Antoinette Sciberras u Vince Vella aġixxew b'mod frawdolenti fil-konfront tal-bank attur; jirriżulta ampjament illi l-konvenut Josef Grech aġixxa b'mod frawdolenti fil-konfront tal-bank attur.

Stabbilit illi l-konvenut Josef Grech huwa responsabbli sabiex jirrifondi l-flus żbankati indebitament mingħand il-bank attur filwaqt li l-konvenuti Farrugia, Caruana, Sciberras u Vella ma humiex hekk responsabbli, jeħtieġ issa jiġi eżaminat jekk it-talbiet fil-konfront tal-konvenut Grech humiex preskritti.

**L-Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni**

Qabel ma din il-Qorti tgħaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tal-kawża fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta jeħtieġilha tqis il-ħames eċċezzjoni ta' Josef Grech li permezz tagħha qiegħed jeċepixxi li l-azzjoni hija milquta bil-preskrizzjoni ta' sentejn skont l-**Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili**.

Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.

Minn eżami tal-Artikolu 1027 fuq ċitat, jirriżulta illi biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, il-perjodu preskrittiv huwa ta' **sentejn minn dakinhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball**, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni. Hija ormai ġurisprudenza stabbilita illi l-azzjoni għar-rifużjoni tal-ħlas indebitu hija distinta mill-azzjoni li għandha bħala oġġett tagħha talba għall-ħlas ta' kreditu, stante illi fl-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu, l-oġġett m'huwiex il-kreditu kontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-preskrizzjonijiet qosra, iżda ir-rivendikazzjoni ta' dak imħallas meta ma kellux jingħata.[21]

Stabbilit illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, jeħtieġ illi jiġi determinat minn meta għandu jitqies li beda jiddekorri l-perijodu preskrittiv in kwistjoni. Il-liġi hija

[21] Ara fir-rigward **Camel Brand Company Limited vs. Worldwide Import and Export Company Limited**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-22 ta' Mejju 2009.

ċara fir-rigward u tistipola illi ż-żmien għall-preskrizzjoni jibda jgħaddi minn dak inhar li dak li lilu jmiss l-azzjoni, jikxef l-iżball. Huwa wkoll assodat fil-ġurisprudenza in materja illi ż-żmien relattiv għandu jitqies li jibda jgħaddi hekk kif fattwalment jinkixef l-iżball dwar l-ammont imħallas, u mhux minn meta l-iżball seta' jinkixef.[22]

Inoltre jeħtieġ li minn iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandu jipprova kif imiss li ż-żmien stabbilit mil-liġi tassew għadda[23], u "f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti"[24]. In oltre, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, iżda l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita.

Kemm mill-affidavit ta' Simon Grech kif ukoll mill-affidvait ta' Maruska Buttigieg Gili jidher li s-soċjetà rikorrenti ndunat bl-anomalija fil-kont bankarju tas-soċjetà filarmonika konvenuta għal bidu ta' Settembru 2009 , mingħajr ma ġie preċiżament indikat data minn meta attwalment indunaw. Però il-Qorti tinnota li l-partijiet jaqblu li fl-24 ta' Settembru 2009, Josef Grech flimkien ma' Av. Omar Caruana marru l-uffiċċju tal-Bank f'San Ġiljan bħala rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta u min-naħa tal-Bank kien hemm Simon Grech flimkien mal-avukat tal-istess bank. Jista' jiġi stabbilit għalhekk li minn din id-data l-Bank kixef l-iżball. Sabiex l-azzjoni ma tiġix preskritta kien jeħtieġ li Banif Bank jibda proċeduri ġudizzjarji fi żmien sentejn mill-24 ta' Settembru 2009, anke billi jinterrompi b'att ġudizzjarju bħal m'hi Ittra Uffiċċjali.

Mill-atti jirriżulta li fil-fatt il-Bank ippreżenta Ittra Uffiċċjali fil-5 ta' Marzu 2010 u filwaqt li din ġiet notifikata lis-Soċjetà Filarmonika Lourdes, kien hemm notifika negattiva fil-konfront ta' Josef Grech u Vincent Farrugia. Dan ifisser għalhekk illi filwaqt li sentejn fil-konfront tas-soċjetà konvenuta reġgħu bdew jidekorru, mhux l-istess jista' jingħad fil-konfront ta' Grech għaliex ma rriżultax li s-soċjetà konvenuta ħadet xi passi ulterjuri sabiex tiżgura li tinterrompi l-preskrizzjoni fir-rigward ta' dawn it-tnejn. Il-Qorti tirrimarka li l-azzjoni odjerna ġiet intavolata fis-6 ta' Frar 2012 u għalhekk oltre l-perijodu

---

[22] Ara **Edward vs. Spiteri vs Francis A. Falzon**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (sede Kummerċjali), fit-3 ta' Frar, 1958.
[23] Ara **Stencil Pave (Malta) Ltd vs. Dr. Maria Deguara nomine** (Ċit Nru 1656/2001) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-30 t'Ottubru 2001.
[24] **Reuben Buhagiar vs. Joseph Fenech** (Ċit Nru 471/11JRM) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 t'April 2017.

preskrittiv in kwistjoni. Wieħed iżda m'għandux jieqaf hawn u għandu jara mill-assjem tal-provi jekk kienx hemm xi ammissjoni min-naħa tad-debitur li l-ammont huwa fil-fatt dovut stante li dan iġib miegħu r-rinunzja tal-perjodu preskrittiv. Dan huwa bbażat fuq dak li jipprovdi l-**Artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili:**

> Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.

Din il-Qorti tosserva li fil-fatt fil-każ odjern, Josef Grech jikkonferma fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2015 u jaqbel li hemm xi flus li huma dovuti lill-Bank, però ma kienx hemm qbil fuq is-somma:

> Dr Kevin Cutajar: Inti qed tikkonferma li l-ammont huwa dovut?
> Xhud: Ma nistax nikkonferma jiena, nikkonferma parti minnu iva imma kollu le, b'hekk qed nghidlek ma nistax nikkonferma ghax ma tistax taqbel fuq bicca.[25]

Josef Grech wara li għamel il-verifika meħtieġa fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 ikkonferma li l-ammont żdied minħabba li kienu qegħdin jiżdiedu l-imgħaxijiet:

> Dr Frank Testa: Fis-seduta ta' Dicembru 2015, inti ghidt illi fuq parti mill-ammont mitlub ossia mill-bank, inti ma taqbilx.
> Xhud: Imma issa ccekkjajt x'inhi l-affari.
> Dr Frank Testa: Spjega lill-Qorti xi ccekkjajt.
> Xhud: Jiena ccekkjajt li hemm l-imghax ghax jiena rajt karta u ma kontx naf li zdied bl-imghax, ghax jien kont naf xi fifty five, sixty, f'dak l-ilma l-ammont li kien dovut lil bank.
> Dr Frank Testa: Jigifieri inti taqbel illi hemm dak l-ammont dovut lill-bank?
> Xhud: Mhux ovvja, kieku kif qeghdin zbank[26]

---

[25] Paġna 206 tal-proċess.
[26] Paġna 227 tal-proċess.

In vista tas-suespost, il-Qorti tasal biex tikkonkludi li b'din il-konferma Josef Grech irrinunzja għall-ħames eċċezzjoni u għalhekk tgħaddi sabiex tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni.

Ikkunsidrat

**Kontumaċja tas-Soċjeta' Konvenuta.**

Mill-atti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta naqset milli tippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk ġiet dikjarata kontumaċja minn din il-Qorti (diversament preseduta) fil-21 ta' Ġunju 2012[27].

Għalkemm is-soċjetà konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors promotur, hija waqgħet fi stat ta' kontumaċja peress li baqgħet ma ressqet ebda risposta ġuramentata u lanqas ma ttentat tressaq xi ġustifikazzjoni jew talba sabiex tressaq ir-risposta tagħha għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti. Huwa ritenut li l-kontumaċja għandha tittieħed bħala kontestazzjoni u mhux bħala stqarrija jew ammissjoni da parti tal-konvenuta għal dak li qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontriha da parti tas-soċjetà rikorrenti.

In tema legali, fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et** (Ċit Nru 273/2003) deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) osservat li "*... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*". Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> "Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti

[27] Paġna 60 tal-proċess.

tista’ tqajjem hija stess *ex officio* kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta’ jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell in re **Hammet vs Genovese** moghtija fil-31 ta’Jannar 1991:

> “Il-Qorti m’ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta’ ordni Pubblika.
>
> Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta’ principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;””

Dan magħdud, il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra jekk b'riżultat tal-azzjoni frawdolenti tal-konvenut Josef Grech, hiex ukoll responsabbli s-soċjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat;

**Ir-Responsabbilta' tas-Soċjeta' Filarmonika Konvenuta**.

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-kawża ġiet intavolata inter alia kontra s-soċjeta' filarmonika konvenuta għaliex il-konvenut Josef Grech għazel li għan-nom tas-Socjeta' Filarmonika Santa Cecila ħareġ ċekkijiet pagabbli "Cash" u l-istess Josef Grech b'mod frawdolenti għażel li jiddepożithom fil-kont bankarju li s-soċjeta' filarmonika konvenuta għandha mal-bank attur u immedjetament jiżbanka l-import tagħhom qabel ma l-bank laħaq ottjena l-clearance tagħhom kontra l-prattiċi bankarji stabbiliti. Il-bank attur jirritjeni illi huwa sarraf dawn iċ-ċekkijiet “stante anomalija teknika fis-sistema awtomatika tal-kumpannija attriċi, tali sistema poġġiet a dispożizzjoni ta’ l-organizzazzjoni debitrici xi fondi qabel ma intemmet il-procedura ta’ verifika”[28].

Il-bank jispjega li s-Soċjetà Filarmonika Lourdes tramite Josef Grech kienet taf li m’hemmx fondi fil-kont bankarju tas-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja u dan peress li

[28] Paragrafu 6 tar-rikors ġuramentat, paġna 2 tal-proċess.

ċ-ċekkijiet li kienu inħarġu kienu ffirmati mill-istess persuna li fetħet il-kont bankarju għas-soċjetà konvenuta u ċioe Josef Grech.

Il-bank attur għalhekk jikkontendi li huwa kreditur tas-soċjeta' konvenuta "fl-ammont ta' erbgha u sittin elf, hames mija u zewgt Euro u ghoxrin centezmu (€64,502.20) liem' ammont hu dovut fuq il-Current Account nru. 18490 10 001 (ara Dok. 'A') li l-istess organizzazzjoni ghandha mal-kumpannija attrici u jinkludi mghaxijiet li sat-13 ta' Jannar 2012 kienu ta' mitejn u erbatax-il Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€214.27)"[29]. Is-soċjetà rikorrenti tgħid ukoll li l-aġir tas-soċjetà konvenuta jikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1021 u 1023 tal-Kapitolu 16, fejn allura s-soċjetà rikorrenti qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha fuq *indebito solutio*.

***Indebito solutio***

**Artikolu 1021 tal-Kapitolu 16** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> Kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċiviha bla jedd.

L-azzjoni *indebiti solutio* hija maħsuba biex kull min jirċievi sew xjentement jew bi żball ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas naturali għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċevieha bla jedd. Ġie kemm-il darba ritenut li hemm tlett elementi li jridu jiġu ppruvati biex tirnexxi azzjoni ta' ħlas indebitu u dawn ġew imfissra fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) tat-8 ta' Mejju 2001, fil-kawża fl-ismijiet **Paul Camilleri vs. Silvio Mifsud et** (App Ċiv Nru 645/1981), fejn jinsab irritenut illi

> L-attur kellu jekk ried jittanta l-azzjoni tal-indebitu b'success l-obbligu li jipprova t-tlett elementi tal-azzjoni. Dawn huma:-
> (a) Illi huwa hallas l-ammont minnu reklamat.
> (b) Li dak li hallas ma kienx minnu dovut lil min hallsu.

[29] Paragrafu 12 tar-rikors ġuramentat, paġna 2 tal-proċess.

(c) Li kien hekk hallas minhabba zball.

Jispetta lil min jipproponi l-azzjoni li jipprova l-ħlas, l-ineżistenza tal-*causa solvendi* u l-iżball. Fis-sentenza **Frank Schembri vs. George Scicluna** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-24 t'Ottubru 1975, ġie ritenut għal dak li jikkonċerna l-piż tal-prova, illi "*jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-solvens u b'mod specjali jekk issir il-prova li dak is-solvens kien jaf bic-cirkostanzi li minhabba fihom hu ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas, ghaliex indebitum solutum sciens non recte repetit, u allura f' kaz bhal dan, min ikun hallas ma jkollux ragun jilmenta, u imputet sibi jekk kellu xi dannu*".

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-21 ta' Ġunju 2006, fil-kawża fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited vs Untours Insurance Agents Limited noe (App. Ċiv Nru 1584/2005)**, ingħad in propositu illi

> L-azzjoni esperita mis-socjeta` attrici hi dik fondata fuq il-kwazi-kuntratt ta' pagament ta' indebitu ossija dik ta' ripetizzjoni. Azzjoni din cirkoskritta, skont id-dottrina prevalenti, bejn is-solvens, ossija dak li ghamel il-hlas, u l-accipiens ossija dak li rcevih. Ir-rekwiziti taghha huma l-pagament, l-indebitu u l-izball f' min hallas ("**Maria Bianco -vs- Nutar Paul Pellegrini Petit**", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju 1954). Ghaldaqstant "kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur. Fi kliem iehor, jekk wiehed ikun ghamel pagament billi jkun jahseb bi zball li dak il-pagament kien dovut, filwaqt li fil-verita` ma kienx dovut, ghandu dritt jirrepeti mir-ricevent il-haga li jkun hallas." ("**Maria Grech -vs- Filippo Abela**", Qorti tal-Kummerc, 11 ta' April 1961);
>
> Jitnissel minn dan illi "**l-fondament ta' l-azzjoni ta' indebitu huwa l-izball** f'min ikun hallas; liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun ircieva l-hlas, skont il-massima ta' gustizzja naturali '*jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem*" ("**Alfred Tonna et -vs- Carmela Bugeja et**", Appell Civili, 8 ta' Frar 1957 u "**Frank Schembri -vs- George Scicluna**", Appell Civili, 24 ta' Ottubru 1975)." [30]

[30] Enfasi miżjuda.

Ikkunsidrat;

Hekk delineata l-ġurisprudenza jeħtieġ li jiġu analizzati l-atti u x'jirriżulta minnhom. Ix-xhud Maruska Buttigieg Gili fl-affidavit tagħha spjegat li "wieħed mill-kontijiet li għandha s-Soċjeta Filarmonika Lourdes AD1977 (Organizzazzjoni) mal-Bank kien fi stat *overdrawn* fl-ammont ta' wieħed u ħamsin elf, disa' mija u tnejn u tletin Euro (€51,932). Dan għall-ħabta tal-bidu ta' Settembru".[31] Il-konsegwenza li l-kont bankarju ġie *overdrawn* huwa l-fatt li s-soċjetà rikorrenti sarrfet ammont ta' ċekkijiet nonostante l-fatt li l-kont bankarju li minnu oriġina ċ-ċekkijiet ma kellux fondi fih. Kien biss wara numru ta' jiem li sar it-tisrif ta' dawn iċ-ċekkijiet, li s-somma totali tagħhom kien ta' ħamsa u ħamsin elf u tmien mitt euro (€55,800), li rriżulta li fil-fatt ma kienx hemm fondi biżżejjed fil-kont li minnu kellu jinħareġ il-flus. B'dan għalhekk ifisser li l-Bank ħallas somma ta' flus lis-soċjetà konvenuta meta din tal-aħħar ma kinitx intitolata għalihom.

Josef Grech ukoll jikkonferma fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2015 li kien qed jaqbel li hemm xi flus li huma dovuti lill-Bank, però ma kienx hemm qbil fuq is-somma:

> Dr Kevin Cutajar: Inti qed tikkonferma li l-ammont huwa dovut?
> Xhud: Ma nistax nikkonferma jiena, nikkonferma parti minnu iva imma kollu le, b'hekk qed nghidlek ma nistax nikkonferma ghax ma tistax taqbel fuq bicca.[32]

Josef Grech reġgħa kkonferma dan bl-aktar mod ċar u dritt għal punt fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016:

> Dr Frank Testa: Jigifieri inti taqbel illi hemm dak l-ammont dovut lill-bank?
> Xhud: Mhux ovvja, kieku kif qeghdin zbank[33]

L-istess xhud spjega fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2015 li milli jiftakar hu, il-konsegwenza li ċ-ċekkijiet ma setgħux jissarfu kien il-fatt li s-soċjetà filarmonika li ħarġet

[31] Paġna 111 tal-proċess.
[32] Paġna 206 tal-proċess.
[33] Paġna 227 tal-proċess.

iċ-ċekkijiet ma kelliex fondi hi għaliex jista' jagħti l-każ li bbawnsja xi pagament li kellu jsir lil dik is-soċjetà (Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja):

> Xhud: [...] Mela ha naghmlu hekk l-APS hareg ic-cekk lil Santa Cecilja, xi hadd klijent tana xi ammonti ta' flus lil santa Cecilja. Santa Cecilja ddepozitathom fil-kont taghha. Mela issa lil Santa Cecilja riedet tissellef xi flus lis-socjeta Filarmonika Lourdes biex tghinha finanzjarjament biex tkun tista' taghmel l-organizazzjoni festa etc. etc. qed nithaddtu sew qeghdin awwissu voldieri Awwissu festa ta' Lourdes tathom l-ammonti ta' flus u mill-Banif imbaghad gew reversjati ghax ma kellhomx l-APS, l-APS ghaliex ma kellhomx flus ghax meta tfajna l-flus fil-kont tal-APS, il-flus m'ghaddewx.[34]

Nonostante li fl-istess xhieda Josef Grech ikkommetta li ser jiċċekkja l-ammont li hu jaħseb għandu jingħata lil Bank rikorrenti, huwa naqas milli jagħmel dan.[35].

Ġaladarba hemm qbil bejn il-partijiet konċernati li hemm somma ta' flus indebitu li jrid jiġi rifuż lill-bank attur, imiss li jiġi determinat dan l-ammont. Mix-xhieda ta' Maruska Buttigieg Gili irriżulta li s-somma indebitu hija ta' €51,932 (€55,800, is-somma totali taċ-ċekkijiet imsarrfa bi żball nieqes €3,892.61, il-kreditu li s-soċjetà konvenuta kellha fil-kont bankarju qabel issarrfu ċ-ċekkijiet in kwistjoni). Min-naħa tiegħu, Josef Grech ikkonferma li s-somma indikata fir-rikors ġuramentat tinkludi fiha l-imgħaxijiet u ma wergħiex kontestazzjoni għas-somma, pjuttost jista' jingħad, kif indikat aktar 'l fuq, fejn ikkonferma li l-ammont huwa wieħed dovut.

Jonqos jiġi eżaminat l-aħħar element li l-ħlas sar bi żball. Li l-pagament sar bi żball ma hemm l-ebda dubju dwaru. Simon Grech fl-affidavit tiegħu xhed illi "Ma' tmiem il-jum tad-29 t'Awissu 2009, u minħabba anomalija teknika, s-sistema tal-Bank kienet ir-rilaxxat a favur ta' l-Organizzazzjoni ammont fi flus ekwivalenti għal dak rappreżentat fuq iċ-ċekkijiet"[36]. Dan ġie wkoll ikkonfermat minn Maruska Buttigieg Gili fl-affidavit tagħha.[37] Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tas-soċjetà konvenuta rigward

---

[34] Paġna 202 tal-proċess.
[35] Il-Qorti mhux ser tieħu in konsiderazzjoni is-somma ta' €55,800, u ċioe is-somma totali taċ-ċekkijiet imsarrfa bi żball, stante li mill-kont bankarju (paġna 27 tal-proċess) jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kellha kreditu ta' €3,892.61 qabel issarrfu ċ-ċekkijiet in kwistjoni.
[36] Paġna 62 tal-proċess.
[37] Paġna 112 tal-proċess.

dan l-iżball anzi x-xhieda tal-konvenuti jikkonfermaw li huma ma kellhomx jirċievu dik is-somma ġaladarba li ma kienx hemm flus fil-kont bankarju tas-Soċjetà Filarmonika Santa Ċeċilja.

Isegwi għalhekk illi t-tlett elementi meħtieġa sabiex jingħad li kien hemm *indebito solutio* ġew sodisfatti u għalhekk hemm somma ta' flus li hija dovut mis-soċjetà filarmonika konvenuta lill-bank attur.

**Imgħaxijiet għal *indebito solutio* - *Artikolu 1023 tal-Kap. 16***

> 1023. (1) Dak li mingħajr jedd ikun irċieva l-ħlas ta' somma ta' flus għandu, jekk ikun għamlu b'mala fidi, irodd sew il-kapital kemm ukoll l-imgħaxijiet minn dak in-nhar tal-ħlas.
>
> (2) Iżda, jekk ikun għamlu b'bona fidi, mhux obbligat irodd ħlief il-kapital biss.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet **Anna Maria Gauci pro et noe vs. Salvino Farrugia et** (App. Ċiv. Nru 223/2007) li "Ladarba l-kaz jaqa' sewwa sew f'dak li hemm provdut fl-Artikolu 1023(2) tal-Kodici Civili, huwa ritenut li l-konvenuti kienu in *buona fede* u ghalhekk ghandhom iroddu biss il-flus li thallsu zejda u mhux l-imghax fuqhom mid-data tal-hlas indebitu (ara f'dan is-sens is sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Accountant General et v. Frances Agius et.**). Minn dan isegwi li skont l-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili, l-imghaxijiet fuq il-kapital ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja da parti tal-attrici"

In vista ta' dak dispost fl-Artikolu 1023, diġa ġie stabbilit li Josef Grech aġixxa mhux biss in mala fede iżda anke b'mod frawdolenti. Jeħtieġ issa li jiġi determinat jekk jistax jiġi imputat l-*mala fede* ukoll fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta.

Skont l-**Artikolu 532 tal-Kodiċi Ċivili,** il-prezunzjoni dejjem għandha tkun li kien hemm bouna fede. Sabiex jingħad li kien hemm xi mala fidi jeħtieġ li tinġab prova konkreta u mhux sempliċiment konġenturi u ħsibijiet.

**Simon Grech, Head of Unit, Retail Banking** fi ħdan is-soċjetà rikorrenti xhed hekk:

> Ir-rappreżentanti ta' l-Organizzazzjoni kienu rrikonoxxew li l-Organizzazzjoni ma kellha ebda jedd fuq l-ammont miġbud u li għalhekk tali ammont kellu jintraddu lura lill-Bank. Huma kienu wegħdu li ser jagħmlu l-arranġamenti neċessarji sabiex il-Bank ikun jista' jitħallas lura fl-iqsar żmien possibbli. [...] intlaħaq ftehim li fil-jiem ta' wara, r-rappreżentanti ta' l-Organizzazzjoni kellhom iressqu proposta lill-Bank dwar il-metodu li bih kellu jsir il-ħlas.
>
> [...]
>
> Xi jiem wara, Dr. Omar Caruana kien bagħat lill-bank proposta dwar kif kellu jsir il-ħlas mill-Organizzazzjoni. Madanakollu, din il-proposta kienet inaċċettabbli u l-avukati tal-Bank kienu rrispondew lill-Organizzazzjoni f'dan is-sens.[38]

Fil-fehma tal-Qorti dan kollu juri li ma kien hemm l-ebda mala fidi min-naħa tas-soċjetà konvenuta iżda biss min-naħa tal-konvenut Josef Grech. Għalhekk filwaqt li l-Qorti qed tiddeċiedi li huma responsabbli għar-rifużżjoni tal-ħlas magħmul indebitament sew is-soċjeta' filarmonika konvenuta u l-konvenut Josef Grech in solidum bejniethom, mhux l-istess fir-rigward tal-imgħax dovut.

**Artikolu 1141 (2)** jipprovdi illi 'l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju [...]'.. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li s-Soċjetà Filarmonika konvenuta ġiet interpellata sabiex tirritorna l-fondi lura permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fil-5 ta' Marzu 2010, għaldaqstant l-imgħaxijiet għandhom jibdew jiddekorru minn dik id-data.

Fir-rigward tal-ispejjeż ġudizzjarji l-Qorti qed tiddeċiedi illi una volta l-ħlas in debitu kien riżultat ta' mala fide u aġir frawdolenti da parti tal-konvenut Joseph Grech, huwa għandu jiġi kkundannat iħallas l-istess.

---

[38] Paġni 63 – 64 tal-proċess.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:-

1. Tiddikjara l-mertu tal-ewwel talba attriċi eżawrit;
2. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Vincent Farrugia, Omar Caruana u Antoinette Sciberras u b'hekk tilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju;
3. Tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Vincent Vella;
4. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Josef Grech;
5. Tilqa' parzjalment it-tieni talba attriċi limitatament fil-konfront tal-konvenuti Josef Grech u s-soċjeta' filarmonika konvenuta u tiddikjara li l-konvenuti Josef Grech u s-soċjeta' filarmonika konvenuta huma debituri in solidum bejniethom tal-bank fis-somma ta' wieħed u ħamsin elf, disgħa mija u tnejn u tletin ewro (€51,932) għar-raġunijiet fuq mogħtija;
6. Tilqa' parzjalment it-tielet talba attriċi u tikkundanna lis-Soċjetà Filarmonika konvenuta u lil Josef Grech in solidum bejniethom sabiex iħallsu lill-bank attur is-somma ta' wieħed u ħamsin elf, disgħa mija u tnejn u tletin ewro (€51,932);
7. Dwar it-talba għall-ħlas tal-imgħax legali l-Qorti tikkundanna lil Josef Grech waħdu iħallas lill-bank attur l-imgħax legali fuq is-somma ta' €51,932 dekorribbi mis-26 ta' Awissu 2009 (id-data tal-ħlas indebitu) sad-data tal-effettiv pagament filwaqt li tiddikjara illi s-soċjeta' filarmonika konvenuta hija responsabbli għall-ħlas tal-imgħax fuq is-somma imsemmija b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Marzu 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Josef Grech.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**